**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 719/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**-vs-**

**MARCUS JOHN CALLEJA**
**(ID: 500872M)**

**Illum, 28 ta' Mejju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MARCUS JOHN CALLEJA** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 500872M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru, 2018, ghall-habta tal-20.10 hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Crystal Palace Confectionery li jinsab fi Triq il-Kbira, Zabbar:-

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' tieghu:

2. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Attard, Darren Galea, Justin Cassar u Mary Cachia kontra l-volonta' taghhom u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. waqt illi kien qieghed jaghmel reat kontra il-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni;

4. garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu arma tan-nar jew munizzjon minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Spara arma tan-nar meta kien anqas minn mitejn (200) metru minn xi belt jew rahal.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u il-Qorti tal-Apell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi waqt l-ezami tieghu fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2018 u fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2020, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tad-9 ta' Marzu 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti skont is-segwenti artikoli indikati mill-istess Avukat Generali[1]:-

1. Fl-artikoli 41(1)(a), 261(a), 261(b), 261(c), 261(f), 262, 263, 267, 270, 275, 276, 277, 278, 279, 280, 281, u 282 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 86, u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 55(a), 56, u 58 tal-Att dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 5(1), 51(2), 56, u 58 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligiijet ta' Malta;

Fir-regolamenti 18(2)(a), u 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif illum emendat (Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi – Legislazzjoni Sussidjarja 549.42);

[1] Fol. 165.

Fl-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Fl-artikoli 17, 23,31, 532A, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2020 wara li l-Qorti rat in-nota tal-Avukat Generali bl-indikazzjoni tal-Artikoli tal-ligi li tahthom l-imputat intbaghat biex jigi gudikat mill-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputat irregistra ammissjoni u ddikjara li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u fissritlu kjarament il-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat l-atti kollha;

Semghet it-testimonjanza tax-xiehda mressqin mid-difiza fir-rigward tal-piena ;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju 2020 rigward il-piena;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha li jinsab mixli bihom inkluz l-addebitu tar-recidiva, u dan fil-prezenza ta' u b'konsultazzjoni mal-avukat difensur tieghu il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena il-Qorti hadet qies ta' diversi fatturi, fosthom il-gravita` tar-reati kommessi mill-imputat u l-passat kriminali tieghu.

Qieset ukoll izda, l-imputat wera rieda evidenti li jimxi 'l quddiem u jitbieghed minn dan il-passat kriminali tieghu. Mill-provi li ressqet id-difiza jirrizulta li l-imputat, li ilu jinzamm taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati addebitati lilu f'dawn il-proceduri ghal xejn inqas minn tmintax-il xahar, qed jaghmel sforz sostanzjali biex jirriforma ruhu. Effettivament, jirrizulta illi kemm ilu detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv, l-imputat irregistra kambjament drammatiku fl-imiegba tieghu, liema progress jidher li huwa dovut talanqas parzjalment ghad-dijanjosi li saritlu tal-kundizzjoni tal-*Attention Deficit Hyperactive Disorder* (ADHD) u ghat-terapija li beda jinghata biex jindirizza din il-kundizzjoni. Mix-xhieda tal-psikologa Sarah Farrugia[2] li ilha ssegwi l-andament tal-imputat kemm ilu detenut fil-habs, jirrizulta illi b'effett ta' din il-kundizzjoni l-imputat ibati biex jikkontrolla r-rabja u l-emozzjonijiet tieghu, oltre li huwa iktar predispost ghall-vizzji, fosthom tal-abbuz tad-droga.

Mix-xhieda jirrizulta li wara li saritlu din id-dijanosi u beda jiehu t-trattament mediku u psikjatriku u jattendi ghat-terapija, l-imgieba tal-imputat giet

[2] Xhieda tat-12 ta' Marzu 2020.

kontrollata b'mod effettiv tant li gie motivat biex ghall-ewwel darba, jaqbad it-triq tar-riforma bis-serjeta`, liema riforma, skont ix-xhieda mressqa mid-difiza, tkun konsolidata bit-twettiq ta' programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

B'zieda ma' dan, Helenio Galea, Correctional Lieutenant fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li wkoll tressaq bhala xhud in difesa ghall-fini tal-piena, ikkonferma illi kemm ilu jinsab detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin il-progress li rregistra l-imputat fl-imgieba tieghu, issarraf f'kambjament notevoli fl-individwu li anke wassal biex jinghata l-kariga li jipprepara l-ikel fil-*canteen* tal-habs u jservi l-gwardjani tal-Habs fil-canteen – mansjoni li x-xhud fisser hija wahda ta' fiducja u li hija rizervata biss ghal dawk il-habsin li huma meqjusin bhala kompletament affidabbli u ezemplari. Mix-xhieda jirrizulta ulterjorment illi kambjament pozittiv fl-imputat jinsab manifestat ukoll fil-motivazzjoni u interess li wera biex effettivament jigi mharreg fil-qasam tat-tisjir.

Il-Qorti m'hijiex sejra tinjora r-rizultanzi minn din ix-xhieda izda temmen illi ma hemmx triq ohra fic-cirkostanzi tar-reati kommessi mill-imputat f'dan il-kaz u fl-isfond tal-precedenti kriminali oneruzi tieghu, fejn l-iktar kundanna recenti ukoll kienet ghar-reat ta' serq bil-vjolenza (*armed robbery*), hlief li timponi piena karcerarja effettiva. Madanakollu, fil-kalibrazzjoni tal-piena, sejra tohloq bilanc bejn il-hlas tad-debitu li l-imputat ghandu lejn is-socjeta` ghall-hsara li kkagunalha bit-twettiq ta' dawn ir-reat vjolenti, u r-rijabilitazzjoni tal-istess imputat. Il-Qorti tqis ukoll li huwa imperattiv illi meta l-imputat jerga' jifforma parti mis-socjeta`, ikompli jhaddem l-incentivi pozittivi li sawwar waqt il-inkarcerazzjoni tieghu u jissokta wkoll bit-trattament ghall-kundizzjoni psikologika tieghu u kontra l-vizzju tad-droga. Tqis illi l-progress li rreggistra l-imputat fl-imgieba generali tieghu u x-xewqa u l-motivazzjoni li qed juri biex jaqbad it-triq tar-riforma, ghandu ghalhekk jissarraf f'piena ferm moderata, u dan minkejja l-istorja twila tieghu fil-kriminalita`. Il-Qorti trid tassigura li l-

imputat jiskonta l-piena misthoqqa minghajr, izda, ma jitlef il-motivazzjoni u r-rankatura li qabad fil-process ta' rijabilitazzjoni, liema rizultati jistghu facilment jitharbtu matul zmien twil ta' inkarcerazzjoni

Ghal din ir-raguni wkoll, il-Qorti tqis li huwa opportun li l-imputat jitqieghed ukoll taht Ordni ta' Trattament b'effett immedjat sabiex ikompli jsahhah u jikkonsolida l-progress li ghamel fil-glieda kontra l-vizzju tad-droga, kif ukoll sabiex jibqa' jiehu t-trattament mehtiega ghall-kura tal-kundizzjoni tal-ADHD u ghall-kontroll tar-rabja.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u dan minghajr ebda rizerva. Il-Qorti tosserva wkoll illi din l-ammissjoni giet registrata wara illi l-Avukat Generali baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti kif mahsub fl-artikoli tal-ligi minnu indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju datat 9 ta' Marzu 2020. Huwa pacifiku illi din in-nota tar-rinviju ghal-gudizzju mibghuta skont is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 tal-Kap. 9 ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Ghaldaqstant, billi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju meta kienu diga` gew indikati lilu l-Artikoli tal-ligi li tahthom din il-Qorti – li kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' gudikatura Krimninali minnufih bir-rinviju ghall-gudizzju - tista' ssibu hati, il-Qorti sejra tqis dawn l-istess Artikoli ghall-finijiet tal-piena. Izda f'kull kaz sejra wkoll tikkalibra l-piena mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet li diga` saru b'rabta mal-miri li ghandha tilhaq il-piena li ghandha tinghata lill-imputat inkluz il-*quantum* tal-piena.

Kwantu ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet l-Avukat Generali indika, fost ohrajn, l-Artikolu 275, 276 u 277 tal-Kap. 9. L-attentat ta' serq li bih gie mixli l-imputat kien wiehed vjolenti sija ghaliex l-imputat kien armat u spara tiri minn

arma tan-nar waqt l-attentat, u sija wkoll ghaliex sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna. Dan huwa ammess mill-imputat. Apparti dan, id-delitt kien aggravat ulterjorment bil-kwalfiki tal-mezz, tal-valur li jeccedi s-somma ta' €2,329.37, u tal-hin. Dan ifisser illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti tista' ssibu hati tar-reat ta' serq li jsir bis-sekwestru tal-persuna kif prospettat fl-Artikolu 275 biz-zieda mandatorja ta' zewg gradi fil-piena kontemplata fl-Artikolu 277(b) tal-Kap. 9 minhabba l-kwalifika tal-mezz taht l-Artikolu 263(a) u minhabba wkoll il-kwalifika tal-valur taht l-Artikolu 279(b) tal-Kap 9[3]. Dan tal-ahhar jipprovdi ghal zieda tassattiva ta' grad f'kaz li l-piena applikabbli taht l-Artikolu 275 u 277(b) hija inqas minn dik applikabbli ghar-reat taht l-Artikolu 279(b)[4] tal-Kap. 9. Madanakollu, dawn iz-zidiet huma newtralizzabbli bit-tnaqqis ta' grad jew tnejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(a) tal-istess Kap. 9.

Ghandu jinghad ukoll illi galadarba l-imputat qed jinghata piena ghar-reat ta' attentat ta' serq li sar flimkien mas-sekwestru tal-persuna u aggravat ukoll bil-vjolenza, fost kwalifiki ohrajn, it-tieni imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat tas-sekwestru tal- persuna kontra l-ligi, taht l-Artikolu 86 u 87 tal-Kap. 9, ghandha titqies li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni li tipprospetta reat iktar gravi, u dan b'applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza formali tar-reati.

Ikkunsidrat;

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, ghandha tinstab ukoll htija ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-imputat reati taht l-Att dwar l-Armi. Jirrizulta mil-fedina penali tal-imputat illi huwa diga` gie kkundannat ghal reati taht il-Kapitolu 480 u effettivament din hija t-tieni kundanna tieghu taht l-Att dwar l-Armi. B'zieda mal-piena ta' prigunerija effettiva ghar-reati prospettati taht l-Artikolu 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480, il-Qorti ghandha tordna wkoll il-

---

[3] Il-valur addebitat jeccedi s-somma ta' €2,329.37.

[4] Taht l-Artikolu 279(b) u 280(2) tal-Kap. 9, jekk il-piena taht l-Artikolu 277(b) tkun anqas mill-pieni msemmija fl-Artikolu 279(b), ghandha tinghata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat bil-mezz u l-vjolenza, miżjuda bi grad.

konfiska tal-arma regolari u l-munizzjon li effettivament kienu fil-pussess tal-imputat waqt il-kummissjoni tad-delitt u illi gew esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ghall-fini tal-hames imputazzjoni, l-imputat ammetta illi huwa spara arma tan-nar meta kien inqas minn mitejn metru minn xi belt jew rahal u dan bi ksur tar-regolament 18(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 (Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi), liema ksur igorr mieghu piena ta' multa mhux inqas minn hames mitt Euro (€500) u mhux iżjed minn ħamest elef ewro (€5,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-imputat bl-ammissjoni bla rizerva tieghu, ammetta wkoll ghall-addebitu tar-recidiva. Minn ezami tal-fedina penali tieghu, li huwa wiehed ferm oneruz, jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat diversi drabi fuq reati fosthom ta' serq u skonta diversi pieni karcerarji. Ghalkemm il-Qorti sejra, naturalment, tqis illi l-imputat sar recidiv tenur tal-Artikolu 49 u 50, kif ukoll taht l-Artikolu 289, madanakollu fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet premessi iktar qabel fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena, taghzel illi ma tuzax is-setgha diskrezzjonali taghha sabiex izzid il-piena fir-rigward.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu kkunsidrat u deciz u bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza materjali tar-reati taht l-Artiklu 17(b) tal-Kap. 9, fil-kaz in dizamina l-Qorti tqis illi prigunerija ghal sitta u tletin (36) xahar ghar-reati kollha addebitati lill-imputat u ammessi minnu, tkun idonea f'dan il-kaz.

In konkluzjoni, riferibbilment ghat-talba tad-difiza li giet registrata fil-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju 2020 sabiex ikun hemm divjet fuq il-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat bil-ghan li jigi evitat li uliedu jsofru xi pregudizzju fil-kors

tal-edukazzjoni taghhom, il-Qorti ma tqisx illi din hija raguni valida u lanqas wahda li hija kontemplata mil-ligi sabiex tigi projibita l-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat. Ghaldaqstant qieghda tichad din it-talba.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(e), 216(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1), 51(2), 55(a), 56 u 58 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 18(2)(a) u 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Legislazzjoni Sussidjarja 549.42), fuq ammissjoni ssib lil MARCUS JOHN CALLEJA hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah sitta u tletin (36) xahar prigunerija effettiva u multa ta' tmien mitt Euro (€800) pagabbli sa mhux iktar tard minn sena mil-lum.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qieghed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taht u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lil MARCUS JOHN CALLEJA taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum u dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment.**

**Il-Qorti tordna illi dan l-Ordni ta' Trattament jigi notifikat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-fini tal-implementazzjoni tieghu waqt li l-hati jkun qed jiskonta l-piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil MARCUS JOHN CALLEJA sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' hamest elef, seba' mija u wiehed u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€5,791.86) rapprezentanti l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u periti mahturin fil-proċeduri u fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta[5], liema hlas ghandu jsir sa mhux iktar tard minn tliet (3) snin mil-lum.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jew tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480, il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma tan-nar, il-munizzjon u tad-dokumenti l-ohra kollha esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri bir-referenza 18 COO 201, 18 COO 202, 18 COO 203, 18 COO 204, 18 COO 205, 18 COO 206, 18 COO 207, 18 COO 208 u 18 COO 209.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[5] PS 1331 Darren Debattisa – €130.33 u €168.82; Perit Valerio Schembri - €771.71; Dr. Mario Scerri - €327.20; PS 586 u PC 813 - €322.84; WPS 98 - €63.18; Dr. Marisa Mifsud - €17.96; Dr. Marisa Cassar - €2,853.24; Keith Cutajar - €1,136.58.